MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 1653/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Angela Laudi**
**377568(M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu (€581.96) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizzi telefoniku cellulari kont numru *446161* moghti mis-Socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interperlat sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ hames mija u wiehed u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu (€581.96) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizzi telefoniku cellulari kont numru *446161* moghti mis-Socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------